# DRAWWIET U FOLKLOR

MINN JOHN VASSALLO

*L-EWWEL PARTI*

Bħal kull pajjiż ieħor li hawn fid-dinja, Malta wkoll għandha l-folklor tagħha. Dawn huma drawwiet u użanzi antiki li baqgħu ġejjin minn ġenerazzjoni għall-oħra, meta ma jkunux mietu u ntesew għal kollox.

Minn naħa l-oħra, għalkemm Malta żgħira, insibu li d-drawwiet li ssib f'raħal huma differenti minn dak ta' raħal ieħor. Aħna s-Siġġiwin mhux anqas minn irħula oħra u għandna l-folklor u d-drawwiet tagħna li uħud minnhom huma komuni f'kull raħal ta' Malta u Għawdex, u oħrajn li nsibuhom hawn biss u mkien ieħor.

F'din is-sensiela ta' artikli fuq dan is-suġġett sejrin naraw ħafna minn dawn id-drawwiet li wħud minnhom mietu għal kollox; oħrajn baqa' xi trufijiet minnhom, filwaqt li x'uħud qegħdin nerġgħu naqalgħuhom minn qabarhom, intuhom tfarfira u nerġgħu indaħħluhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Illum ser nikteb fuq il-folklor Siġġiewi li huwa marbut mal-qaddis tagħna s-Siġġiwin, San Nikola. Ħabat tajjeb ukoll li f'dan ix-xahar infakkru l-festa tiegħu fis-6 ta' Diċembru. Wara ineħħulu l-mitra, l-Alba u l-pjaneta, inlibbsuh libsa ħamra bix-xfarijiet bojod u barnuż l-istess, par *boots* daqsxiex, ngħabbulu slitta kollha rigali u nibagħtuh jiżżerżaq ġoċ-ċmini biex jimla l-kalzetti taċ-ċkejknin tagħna bir-rigali tal-Milied! F'dawn iż-żminijiet flok San Nikola insejħulu *Santa Claus*. (Qatt għaddielkom minn moħħkom kif *Santa Claus* jinżel minn ġo daqs tant ċmieni u qatt ma pinġewlna wieħed imġemmed?!)

Niġu għas-suġġett tagħna.

Bħal ma jaf kulħadd, il-qaddis tagħna San Nikola huwa l-protettur ta' l-għarajjes u ta' dawk li jsibu xi saram biex jiżżewġu. Isimgħu din. Kienet drawwa li t-tfajliet li għadhom ma sabux għarus imorru jduru tlett darbiet ma' l-istatwa ta' San Nikola li għandna f'nofs il-pjazza tar-raħal. Ma' kull dawra jlissnu waħda minn dawn it-tlett strofi ta' din it-taqbila ħelwa:



**L-istatwa ta' San Nikola fil-misraħ tar-raħal, skolpita mill-istatwarju Pietro Felice fl-1732 u li erba' snin wara, fl-1736, għamel dik ta' ġol-knisja li noħorġu fil-purċissjoni. (Ritratt: John Vassallo)**

*San Nikola tal-misraħ,*
*Żewwiġni ħalli nifraħ.*

*San Nikola ta' biebna,*
*Żewweġ lilna u 'l uliedna.*

*San Nikola taz-zuntier,*
*Żewwiġni ħalli nistrieħ.*

Barra din, insibu poeżija ċkejkna oħra fuq San Nikola. Mix-xeħta tagħha din setgħet forsi oriġinat minn xi għanja Spirtu Pront, ingħoġbot u baqgħet għaddejja minn ġenerazzjoni għall-oħra. Din ukoll hija dwar iż-żwieġ,

bid-differenza li min għanniha naħseb li ma tantx jidher li kellu xorti miż-żwieġ, u kif dejjem jagħmel il-bniedem, f'xi ħadd irid iwaħħal, u weħel ma' rasu San Nikola. Din hi xi ħaġa hekk;

*San Nikola tal-Vinturi,*
*Tlabtu waħda tani tnejn.*
*Waħda għamja u l-oħra zoppa,*
*U it-tnejn ma jiswew xejn.*

L-aħħar waħda li sibt fuq San Nikola, bħat-tnejn ta' qabilha, għandna x'taqsam maż-żwieġ. Kienu jgħidu li meta f'ġimgħa waħda kienu jiżżewwġu tliet persuni mill-istess triq, kienu jemmnu li San Nikola jkun għadda minn dik it-triq partikolari.

Illum, fis-Siġġiewi, traċċi żgħar ħafna għadna nsibu ta' dan li għedna. Għalhekk huwa tajjeb li, minn żmien għal żmien, infakkru dan il-folklor tagħna. Liż-żgħar tagħna hemm bżonn ngħidulhom, nirrepetulhom u ngħallmuhom fuq dak kollu li huwa ta' raħal twelidna ħalli, minn ċkunithom, innisslu fihom imħabba kbira b'għeruq fil-fond għas-Siġġiewi. Jekk ma nagħmlux hekk, jiġri bħal ħafna affarijiet oħra li mietu għal kollox mill-memorja tagħna u b'hekk inkunu ftaqarna aħna u ifqar ser ikunu uliedna.

San Nikola jbierek lilna u 'l-familji tagħna. Il-Milied it-tajjeb lil kulħadd.

*(Jissokta f'ħarġa oħra)*

Nenku
CONFECTIONERY
CATERERS FOR ALL OCCASIONS
TEL: 226688~220567

TOUR
TAL-ĦBIEB
*mit-22 ta' Lulju sa l-1 ta' Awissu*
*għall-Bookings u aktar tagħrif ċemplu:-*
*DUN NIKOLA AQUILINA Tel. 467770*
INGILTERRA (LONDRA) & SCOTLAND (EDINBURGH)